# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D, LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla u Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Carmelo Bajada**

Numru:- 63/2016 BS

Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmelo Bajada, ta' 53 sena, bin Karistu u Carmela nee' Attard, Imwieled ir-Rabat, Ghawdex fid-19 ta' Jannar, 1963 u joqod fin-numru 91, Triq l-Ghar ta' Ninu, ix-Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 4963(G) billi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'Marzu 2013 u fil-jiem u xhur li jigu mmedjatament qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, irrenda lilu nniffsu komplici ta' frodi billi gieghel li d-delitt imsemmi jsir permezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella li ta struzzjonijiet sabiex isir id-delitt, u cioe:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000).[1]

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2017 inqraw l-akkuzi mill-ufficjali prosekuturi li kkonfermaw l-istess bil-gurament taghhom.[2] Fl-istess udjenza, mistoqsi xi jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, l-imputat wiegeb mhux hati.[3]

**Rat** il-fedina penali tal-imputat.[4]

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-imputat fejn ghazel li ma' jkollux ghajnuna legali qabel jigi nterrogat mill-pulizija[5] u; l-istqarrija tal-istess imputat inkluz fiha t-twissija relattiva.[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2017 il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ghal fini ta' *prima facie* ma' kienx fadlilha aktar provi xi tressaq. Fl-istess udjenza l-Qorti semghet it-trattazzjoni dwar jekk, in bazi ghall-provi migjuba sa dakinhar, kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza (*prima facie*).[7]

---

[1] Imputazzjoni a fol 1 sa 2.
[2] Verbal a fol 9.
[3] Ezami tal-imputat a fol 12.
[4] Fedina penali a fol 43.
[5] Dikjarazzjoni a fol 69.
[6] Twissja a fol 70. Stqarrija a fol 70 sa 72.
[7] Verbal a fol 40 u 41.

**Rat** id-digriet taghha kif diversament presjeduta tal-4 ta' Lulju, 2017 fejn wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kontra l-imputat, iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. L-atti gew ghalhekk rinvjati ghand l-Avukat Generali.[8]

**Rat** ir-rinviji varji tal-Avukat Generali.[9]

**Rat** ir-rapport tal-espert nominat, il-Perit Claude R. Mallia, datat it-2 ta' Lulju, 2018.[10]

**Rat** il-kopja tal-file personali dwar Anthony Debono li gie ezebit mid-Deputat Registratur tal-Qorti Sharon Calleja.[11] Minn dan il-file, jirrizulta li l-istess Debono beda l-impjieg tieghu fis-servizz pubbliku fil-5 ta' Frar, 1976 mall-Ufficju Centrali tal-Istatistika.[12] Minn hemm, gie trasferit u ottjena promozzjonijiet[13] sakemm wasal ghal trasferiment fid-Dipartimenti tal-Progetti u Zviluppi fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex li sehh b'cirkolari datata s-6 ta' Frar, 1996[14] b'sehh mill-14 ta' Jannar, 1996 fil-kariga ta' Assistent Ufficjal Principali.[15] L-istess Debono gie mbaghad mahtur Ufficjal Principal fi hdan l-istess Dipartiment u Ministeru b'sehh mill-14 ta' Jannar, 2004.[16] Debono haddan din il-kariga sal-11 ta' Marzu, 2013 meta gie trasferit fid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (Zona Nadur, Ghawdex).[17]

**Rat** li fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2022 il-prosekuzzjoni ddikjarat l-istadju tal-provi taghha maghluq.[18]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-3 ta' Gunju, 2022 l-imputat iddikjara n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.[19]

---

[8] Digriet a fol 96 u 97.
[9] Ref; rinviji, *inter alia*, a fol 98, 100, 122, 125, 134, 137, 141, 144, 148, 156, 159, 162, 171, 176, 179, 183, 186, 189, 192, 195, 198, 203, 206, 215, 342, 355, 360, 364, 369, 374, 378, 382, 386, 390, 394, 396, 399, 403, 418, 421, 425, 428, 442.
[10] Rapport a fol 165 sa 169.
[11] Kopja tal-file personali ta' Anthony Debono a fol 230 sa 340.
[12] Data tal-bidu tal-impjieg rizultanti a fol 338 u 337 u post tal-impjieg rizultanti *inter alia* a fol 337, u 336.
[13] Ref. *inter alia;* dok a fol 331, 324, 323.
[14] Cirkolari a fol 313 u 314.
[15] Ittra tal-hatra a fol 312.
[16] Ittra dwar hatra fil-pozizzjoni ta' Ufficjal Principal a fol 305.
[17] Ref email dwar trasferiment a fol 302. Ref ukoll ittra a fol 301.
[18] Verbal a fol 495.
[19] Verbal a fol 495.

**Rat** li fl-istess udjenza tat-3 ta' Gunju, 2022 gew moqrija l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Mejju, 2022.[20]

**Rat** id-dokument, ossia *Annual Reports of Government Departments – 2011* – ezebit mill-avukat difensur tal-imputat fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022[21] li, a pagna 209 tieghu,[22] jelenka diversi xogholijiet li saru mid-dipartiment tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni - is-CMU - fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex.

**Rat** is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Marzu, 2021 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla u Spettur Rennie Stivala) vs Anthony Debono***.[23] **Rat** ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet nhar it-3 ta' Settembru, 2021.[24]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2023 id-difiza ddikjarat l-istadju tal-provi taghha maghluq bil-Qorti akkordat terminu ghal-prezentata ta' noti tal-osservazzjonijiet finali u l-kawza giet iddefferita ghat-trattazzjoni finali.[25]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti, noti[26] u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha.

**Semghat** it-trattazzjoni finali tal-abbli difensur tal-imputat.[27]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2023 il-kawza giet iddefferita ghal-llum ghas-sentenza.[28]

## A. Provi:

[20] Artikoli a fol 494.
[21] Dokument a fol 496 sa 512.
[22] Pagna 209 a fol 503.
[23] Citazz. Nru. 50/2015 – kopja nformali ezebita a fol 608 sa 681 – inkluz in verso pagina. Il-kopja ta' din id-decizjoni giet ikkonfermati bhala awtentika mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) Dr. Mary Debono Borg bix-xhieda taghha a fol 682.
[24] Appell Nru. 50/2015 – kopja nformali ezebita a fol 514 sa 606 – inkluz in verso pagina. Il-kopja ta' din id-decizjoni giet ikkonfermata bhala awtentika mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex) Dr. Mary Debono Borg kif awtorizzata taghmel bi prokura rilaxxata lilha mid-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali bix-xhieda taghha a fol 700 u 701. Prokura a fol 702.
[25] Verbal a fol 703 u 704.
[26] Inkluz in-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-prosekuzzjoni – mhux paginata.
[27] Trattazzjoni tad-9 ta' Gunju, 2023.
[28] Verbal mhux paginat.

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Cauchi** xehed[29] li huwa kuntrattur fis-settur edilizju. Jghid li fil-konfront tieghu inhareg certifikat da parti tal-Avukat Generali ai termini tal-*Whistleblower Act*.

Mistoqsi kif gie nvolut fil-kwistjoni jirrispondi li zmien ilu kienu jinhargu *tenders* – sejhiet ghall-offerti – ghall-*bobcats* jew *excavators* li huwa kien iressaq offerta ghalihom. Izid li gieli rebah is-sejha u gieli le.

Jghid li huwa fil-bidu kien ikellem lill Pawlu Lanzon fi hdan il-Ministeru u meta spicca Lanzon beda jkellem lill Anthony sive Anthony Debono.

Jghid li s-sejhiet ghall-offerti jinhargu mill-Ministeru ghal-Ghawdex

Jghid li huwa kien involut f'sejhiet ghall-offerti bejn 2006 u l-4 ta' Marzu, 2013.

Mistoqsi kif kien jigi fatturat ix-xoghol jghid li r-rata kienet tkun kwotata fl-offerta ghas-sejha b'dan li fatturi huwa m'ghandux.

Izid li sabiex jithallas Debono kien imur ghandu – id-dar tieghu – u flimkien kienu jezaminaw il-*worksheets* tieghu.

Jghid li Debono kien jghidlu x'jikteb bhala positijiet fejn sar ix-xoghol. Izid li huwa kien jaghmel hekk imbaghad kien jinhariglu cekk. Jghid li gieli kiteb bhala post fejn sar xoghol post fejn huwa anqas biss ikun qatt mar.

Mistoqsi x'kien jigri bejn l-2006 u l-2012 jew l-2013 jghid li dejjem kienet tohrog sejha, jsiru l-offerti, tinhareg *letter of acceptance* favur l-offerta l-aktar baxxa, u jibda x-xoghol. Izid li x'hin ix-xoghol kien ilahhaq il-Lm500, li kien il-massimu, kienet tinhareg sejha ohra.

Jghid li wara l-2012/2013, meta ma' baqghux jinhargu s-sejhiet, huwa xorta baqa' jahdem. Jghid li hawn kien johrog fatturi. Izid li hawn ukoll Anthony Debono kien imur ghandu u jghidlu x'jikteb bhala post fejn sar

[29] Traskrizzjoni a fol 13 sa 39.

ix-xoghol. Izid li huwa ghandu karti miktubin b'id Anthony Debono bi struzzjonijiet ta' kif johrog il-fatturi.

Jghid li allura wara l-2012/2013 il-*letter of acceptance* kienet qed tohrog wara li jkun sar ix-xoghol, mhux qabel kif suppost isir, u dan meta huwa jipprezenta l-fattura. Izid li l-Bank Centrali kien imbaghad johrog ic-cekk.

Jghid li dan kien kollu kontra-bandu u ma' kienx sewwa. Izid li xoghol m'ghandux isir minghajr *letter of acceptance*.

Jghid li minkejja dan huwa xorta kien jaghmel ix-xoghol mitlub minnu.

Mistoqsi ghalfejn kien jintalab johrog fattura fuq post iehor minflok il-post fejn ikun sar ix-xoghol proprju jghid li sabiex jithallas. Mistoqsi ghalfejn ma' setghax jithallas ghax-xogohl fejn sar propju jghid li ghax ma' kienx ikun hemm *letter of acceptance*.

Jghid li huwa jaf lill George Victor Vella. Jghid li lill Vella bnielu gibjun fir-raba' bejn in-Nadur u l-Qala.

Mistoqsi f'liema zmien jghid li ma' jafx izda kien meta Anthony Debono kien ghadu jikkmanda fil-Ministeru.

Jghid li dan il-gibjun kien inbeda minn xi hadd li ma' kienx jaf kif ser ikomplih. Izid li Anthony Debono talbu pjacir u bghatu jkomplih hu. Jghid li hu mar u lestih. Jghid li fuq il-post haduh Anthony Debono u Vella.

Jghid li x-xoghol tal-gibjun fuq il-kotba tieghu kien imnizzel bhala "George, gibjun, Nadur". Izid li meta mbaghad mar Anthony Debono ghandu hu qallu b'dan ix-xoghol Debono qallu kif idahhal is-sieghat li saru fuq il-gibjun imkien iehor, fuq positijiet differenti.

Mistoqsi kif allura xi haga li saret fil-privat kienet ser tithallas mill-pubbliku jghid li ma' jistax jispjega u li jahseb li mhux hu ghandu jispjega.

Mistoqsi jekk thallasx ghax-xoghol fuq il-gibjun jghid li ma' jistax jghid ghax dwar hlas kien jaqta' fejn irid hu.

Jghid li huwa ma' Vella ma' kellu ebda ftehim sabiex jithallas ghax-xoghol li ghamillu fil-proprjeta' tieghu.

Jghid li huwa ghamel zmien jiltaqa ma' Anthony Debono dwar kif kellu jithallas. Izid li mbaghad Debono ma' baqax imur spiss izda x-xoghol baqa' ghaddej ghax baqa' jqabbdu. Jghid li l-ammont dovut lilu kien ghalhekk qed jikber u huwa beda jross lill Debono ghal-hlas. Jghid li mbaghad Debono mar darbtejn id-dar ghandu u f'kull okkazzjoni tah 10,000 fi flus kontanti.

Jghid li huwa lill Vella qatt ma' baghtlu kont ghax huwa mil-Ministeru kien imqabbad mhux minn Vella.

Jghid li lill Carmelo Bajada jafu wkoll. Jghid li Bajada kien hemm meta taw il-konkos fi sqaq int u tiela t-Triq tas-Sellum, ix-Xaghra li jaghti ghall-istess Triq is-Sellum. Jghid li 'il gewwa fl-isqaq hemm *farmhouse*. Izid li dan l-isqaq kien dizastru. Jghid li hu gie ordnat minn Anthony Debono sabiex jitfa' il-konkos hemm.

Jghid li huma tefghu l-konkos mill-*farmhouse* sa Triq is-Sellum.

Jghid li huwa ma' jafx ta' min hu l-isqaq izda meta tqabbad jaghmel ix-xoghol minn Debono ma' Debono kien hemm biss Bajada. Jghid li Bajada baqa' hemm sal-ahhar.

Mistoqsi jekk giex mitqal lilu ghalfejn Bajada kien hemm jghid li jahseb li ghax hu – Bajada – talab ghax-xoghol.

Jghid li x-xoghol f'dan l-isqaq talbu jaghmlu Anthony Debono. Mistoqsi x'xoghol intalab jaghmel jghid li jaghtu l-konkos.

Jghid li ta' dan ix-xoghol ma' thallasx izda kellu jithallas kif thallas qabel, jigifieri, Anthony Debono jmur ghandu u jghidlu fejn jixhet is-sieghat.

Jghid li dan ix-xoghol, flimkien ma' hafna iehor, sar dik il-gimgha ta' qabel l-elezzjoni tal-2013.

Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi arrangament mas-sidien tal-proprjetajiet f'dan l-isqaq dwar hlas jghid li le. Jghid li mhux huma qabbduh u hu jistenna li jithallas min minn qabbdu.

Jghid li lill George Formosa jafu wkoll. Jghid li Formosa ghandu ghalqa kantuniera ma' Pjazza Gerano u Triq Trux. Jghid li fiha kellu hajt u Anthony Debono qallu jibdluhulu ghax ma' kienx sew.

Jghid li hu qalgha l-hajt, hammel, u gar it-terrapien izda l-bini tal-hajt il-gdid ma' hax hsiebu hu.

Jghid li dan sar f'ghalqa privata izda ma' jafx hux ta' Formosa jew martu jew familtu.

Jghid li l-hajt li qed jitkellem dwaru jifred l-ghalqa minn mat-triq.

Mistoqsi kif kellu jithallas ta' dan ix-xoghol jghid li hu ma' stenniex hlas minghand Formosa ghax mhux Formosa qabbdu. Izid li qass hu cert jekk Formosa kienx hemm meta sar ix-xoghol izda jahseb li kien hemm.

Jghid li tal-ispejjez dwar dan ix-xoghol huwa thallas billi tnizzlu bhala kera ta' *bobcat*. Jghid li dan dejjem fuq struzzjonijiet moghtija lilu minn Anthony Debono.

Mistoqsi jistax jiddistingwi dwar ix-xogholijiet li thallas ghalihom u dawk li baqa' ma' thallasx ghalihom jghid li le ghax kollox kien jigi mqassam kif spjegat, skond struzzjonijiet ta' Debono. Izid li l-hlas kien isir billi Debono jaghzel liema sieghat jinkludu f'liema pagament b'dan li hu ma' setghax izomm rendikont. Izid li huwa ghandu biss lista ta' sieghat li hadem u lista ta' pagamenti li nghata b'dan li baqa' bilanc dovut lilu.

Jghid li lill Sammy Camilleri jafu wkoll. Jghid li lill Camilleri ghamillu drenagg go barriera li tasal ghalija minn Triq Trux kif ukoll diversi rampi, wahda terrapien taghti ghal-barumbara u ohrajn konkos f'kull bicca raba' li ghandu.

Jghid li dwar Camilleri, Anthony Debono kien qallu li Camilleri kien lest jaghmel xi hlas hu.

Jghid li fil-barriera, lill Camilleri ghamillu trinka ghad-drenagg u hamlu ghal xi garaxxijiet li mbaghad intradmu. Jghid li dan ix-xoghol kollu sar fuq struzzjonijiet ta' Anthony Debono. Jghid li Camilleri kien isaqsih jekk

Debono kellmux – dwar xoghol li kien ikun irid Camilleri – u hu kien jghidlu li le u li jekk ikellmu jmurrlu.

Jghid li ta' dan ix-xoghol huwa ma' stenniex hlas minghand Camilleri ghax ma' kienx Camilleri li qabbdu.

Jghid li huwa stenna li jithallas minghand minn qabbdu, allura minghand Debono. Jghid li meta Camilleri qabbdu direttament kien ihallsu Camilleri.

Jghid li lill Camilleri wittielu wkoll rampa u ghamillu rampi ohrajn bil-konkos bejn ghalqa u ohra. Izid li hammillu wkoll sabiex bena kamra zghira.

Jghid li dan ix-xoghol ukoll kien intalab li jsir minn Anthony Debono ghal Camilleri. Jghid li s-sieghat dwaru gew ukoll inkluzi fil-*worksheet* tieghu.

**Xehed ulterjorment**,[30] li mitlub jezebixxi l-*worksheets* tieghu, qed jezebixxi dawk relatati max-xoghol li ghamel tas-Sellum, ix-Xaghra fejn ghamel sqaq bil-konkos, xoghol li ghamel lill Sammy Camilleri, xoghol li ghamel lill George Formosa, u xoghol li ghamel lill George Victor Vella.[31]

Jghid li dawn il-*worksheets* ghamilhom huwa.

Jghid li ghal dan ix-xoghol huwa la ffattura lill-Ministeru u anqas lill-individiwi. Jghid li dan peress li dwar l-istess qatt ma' kien hemm offerta wara sejha.

Jghid li huwa ma' jippretendix hlas mill-individwi izda min minn qabbdu jaghmel ix-xoghol allura minghand Anthony Debono.

Jghid li Anthony Debono kien imur ghandu u jghidlu fejn jixhet is-sieghat dwar xoghol maghmul lill dawn in-nies.

Jezebixxi wkoll zewg dokumenti li juru li Anthony Debono ghaddielu €20,000, f'zewg pagamenti ta' €10,000-il wiehed.[32]

---

[30] Traskrizzjoni a fol 44 sa 54.
[31] Rendikont a fol 62.
[32] Ircevuta a fol 63 u ohra a fol 64.

Jghid li ma' jafx Debono x'sieghat xoghol qata' b'dawn il-pagamenti. Izid li ghalhekk u ma' jafx x'baqa mhux imhallas. Jghid li huwa jista jghid biss x'baqalu jigbor.

Jghid li fejn Sammy Camilleri qabbdu direttament hu jaghmillu xi xoghol, dejjem hallsu.

Izid li l-*worksheets* ezebiti minnu juru xoghol li tqabbad jaghmel minn Anthony Debono fil-proprjeta' fejn kellu bzonn Sammy Camilleri. Jghid li ghalhekk il-hlas ghax-xoghol li jidher fil-*worksheets* kellu jsir minn Anthony Debono.

Jerga jghid li ma' jistax jghid xi thallas mix-xogohlijiet li jidhru fil-*worksheets*. Izid li dan ghax Debono kien jiddeciedu hu x'sieghat jinkludi ma' liema pagament. Izid li Debono kien jinkludi dawn is-sieghat ma' xoghol li kien ikun qed isir imkien iehor.

Jghid li Sammy Camilleri kien anke lest li jhallsu huwa ta' xoghol li sar ghandu fuq inkarigu ta' Anthony Debono. Izid li huwa kien jghidlu li la hu mhux imqabbad minnu izda minn Debono kellu jhallas Debono.

Jghid li Sammy Camilleri kien jarah u jsaqsih jekk Debono kellmux fuq xi xoghol, hu kien jghidlu le u li jekk ikellmu jaghmlu. Jghid li wara dan, gieli tkellmu fuq x'baqalu jigbor fi hlasijiet u Sammy Camilleri qallu li lest ihallsu xi haga hu, avolja ghax-xoghol ikun tqabbad minn Debono.

Jghid li f'Dicembru, 2014 Debono mar ghandu u ghaddielu hlas. Izid li dakinhar qallu li ma' kienx sew li kien qed ihallsu hu. Izid li qallu wkoll li Camilleri kien lest jaghmel xi hlas hu izda kien hemm haddiehor li ma' ridtx ihallas hu.

Jirreferi ghal kitba b'idu fuq id-dokumenti ezebiti minnu ossia kopja dwar hlasijiet maghmulha minn Debono.

Jghid li huwa mal-imputat u imputati ohra m'ghandux problema. Izid li mhux hu harrikhom ghal-hlas. Jghid li hu lilhom ma' jafhomx. Jghid illi kieku jafhom ma' kienx jinkludi x-xoghol ma' dak maghmul lill-Ministeru.

**In kontro-ezami**,[33] xehed li huwa lill George Vella li hadimlu l-gibjun in-Nadur qatt ma' hariglu fattura. Izid li minghand Vella huwa ma' stenna xejn. Jghid li hu ghamel ix-xoghol lill Vella ghax qabbdu Anthony Debono.

Jghid li huwa lill-ebda imputat ma' hareg fattura.

Mistoqsi jafx fil-fatt ta' minn hi l-proprjeta' fejn ghamel ix-xoghol jghid li le. Izid li lilu qabbdu jaghmel ix-xoghol Debono u ghalhekk inkluda s-sieghat tieghu.

Jaqbel li huwa qatt ma' ha direzzjonijiet dwar xoghol minghand George Vella.

Dwar Carmelo Bajada, George Formosa, u Sam Camilleri, jghid li anqas minghand dawn qatt ma' rcieva struzzjonijiet dwar xi xoghol u ghalhekk qatt ma' iffatturhom – ghajr ghal Sam Camilleri fuq xoghol li talbu jaghmillu direttament u mhux tramite Debono.

Jghid li ghalhekk huwa fatturi fil-konfront ta' xi imputat qatt ma' hareg. Izid li anqas lill Debono qatt ma' iffatura dwar xoghol maghmul lill-imputati ghaliex dan ma' kienx xoghol li sar wara sejha ghal-offerti.

Jghid li dwar ix-xoghol maghmul lill-imputati huwa kien izomm *worksheet* bis-sieghat imbaghad kien imur ghandu Anthony Debono li kien iqassam l-istess sieghat fejn irid hu u hu kien jithallas.

Jghid li ghalhekk l-imputati hadu x-xoghol izda huwa baqa' ma' thallasx.

**L-Ispettur Rennie Stivala**, xehed[34] li f'Marzu, 2015 gie assenjat fuq l-investigazzjoni dwar allegazzjoni li kienu qed isiru xi hlasijiet mill-Ministeru ghal-Ghawdex rigward xoghol fi proprjetajiet privati.

Jghid li huwa ltaqa' ma' Joseph Cauchi li kien il-persuna li rrapporta l-kaz. Izid li Cauchi spjegalhom x'xogholijiet kienu saru u fejn u huma kienu dahru xi 22 lokalita' fejn saru dawn ix-xogholijiet.

[33] Traskrizzjoni a fol 54 sa 61.
[34] Traskrizzjoni a fol 65 sa 67.

Dwar l-imputat u ohrajn li saru kawzi kontrihom jghid li post fejn saru xi xogholijiet kien fit-Telgha tas-Sellum, mir-Rabat ghax-Xaghra.

Jghid li Cauchi spjegalhom li fl-istess telgha hemm sqaq privat u kien imharbat u, qrib l-elezzjoni tal-2013, Anthony Debono kien talbu sabiex iwittih u jsir konkos.

Jghid li Cauchi spjegalhom li fl-isqaq kien hemm diversi familji u li ma' kienx jaf jghid minn huma. Jghid li Cauchi spjegalhom li bit-twittija tal-isqaq beda minn zewg *farmhouses* mibnija fir-raba' u ghamel qisu 100 metru.

Jghid li Cauchi hadu wkoll fejn sar xoghol ghall-imputat Sammy Camilleri.

Izid li hawnhekk Cauchi hadu fejn barumbara u spjegalu li hemm kien ghamel rampa u xi xoghol iehor bil-konkos. Jghid li wrih ukoll diversi ghelieqi fejn qallu li kien ghamel rampi biex min ghalqa wiehed jaccedi ghal ohra.

Jghid li Cauchi spjegalu li r-rampi jintuzaw minn Camilleri u terzi.

Jghid li mbaghad Cauchi hadu fejn barriera u spjegalu x-xoghol li kien ghamel hemm.

Jghid li Cauchi kien qallu li dak ix-xoghol kollu kien qabbdu jaghmlu Anthony Debono.

Jghid li huwa kien tkellem ma' Carmelo Bajada u staqsih dwar xoghlijiet li saru fejn iz-zewg *farmhouses* fit-Telgha tas-Sellum, ix-Xaghra.

Jghid li Bajada spjegalu li l-art hemmhekk llum huwa diviz bejn diversi neputijiet mentri dak iz-zmien kien bejn l-ahwa, generazzjoni ta' qabel.

Jghid li Bajada spjegalu wkoll li huwa kien imur fejn Anthony Debono, il-Ministeru, jitolbu jirrangalu hajt int u diehel lejn din il-proprjeta'. Izid li Bajada qallu li flok ssewwa l-hajt sar l-isqaq bix-xoghol sar minn Cauchi.

Jghid li da aprti tieghu Bajada qal li tax-xoghol li sar fl-isqaq huwa ma' hallasx u ma jafx minn hallas jew jekk xi hadd thallasx. Izid li Bajada qalilhom li jaf li x-xoghol ghamlu Cauchi u sar fi proprjeta' tieghu.

Jipprezenta l-istqarrija ta' l-imputat Carmelo Bajada.[35]

B'referenza ghall-istqarrija rilaxxata minn Sam Camilleri, jghid li fiha l-istess Camilleri spjega d-diversi xogholijiet li kien wettaq Cauchi fl-ghelieqi tieghu allura rampi tal-konkos, xi xoghol bil-konkos fil-barumbara u xi xoghol fil-barriera.

Izid li din l-istqarrija ta' Camilleri hija akkumpanjata minn zewg ritratti mill-ajru li jindikaw il-postijiet fejn saru x-xogholijiet relattivi.

Jghid li Camilleri nsista li tax-xoghol li ghamel Cauchi fuq proprjeta' tieghu fuq talba tieghu huwa dejjem hallas lill Cauchi.

**In kontro-ezami**, xehed[36] li dwar Bajada, apparti lill Cauchi kellem ukoll lill certa Annette Zammit li taghha ha dikjarazzjoni. Jghid li Zammit spjegat x'sar bhala xoghol u haditlu anke xi ircevuti dwar l-istess. Jghid li l-ircevuti kienu jittrattaw xoghol ta' drenagg.

Jghid li fil-kors tal-investigazzjoni kellmu xi 70 ruh.

Mistoqsi ghalfejn mis-sebghin ruh tressqu biss Anthony Debono u l-4 imputati msemmija f'dawn il-proceduri jghid li dan sar fuq parir tal-Avukat Generali.

**Joseph Portelli**, xehed[37] li hu gie mitkellem mil-pulizija fl-2015 meta kien jokkupa l-kariga ta' direttur fid-dipartiment tal-progetti u zvilupp f'liema kariga kien ilu mill-1996.

Jghid li dak iz-zmien Anthony Debono kien l-ufficjal inkarigat mill-*construction and maintenance unit*.

Jghid li dwar il-mertu tal-kawza sab li sar xi xoghol:

[35] Dikjarazzjoni a fol 69, stqarrija a fol 70 sa 72.
[36] Traskrizzjoni a fol 67 u 68.
[37] Traskrizzjoni a fol 106 sa 108.

- Go barriera fi Triq Trux, l-Gharb, proprjeta′ ta′ Sam Camilleri, raba′ *Ta′ Wied Fonzu* u *Tas-Sisien* proprjeta′ jew taht il-kontroll tal-istess Sam Camilleri, u hdejn barumbara li tinsab fi Triq Wied il-Mielah u hija wkoll prorpjeta′ ta′ Sam Camilleri;
- Fuq bini ta′ hajt ta′ ghalqa fi Triq l-Isqof Molina kantuniera ma′ Triq Trux, l-Gharb gewwa proprjeta′ ta′ George Formosa;
- Fuq bini ta′ gibjun f′ghalqa fi Sqaq ta′ Hatar, il-Qala, proprjeta′ ta′ George Victor Vella, u;
- Fuq bini ta′ mghodija bil-konkos fi triq privata fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, proprjeta′ tal-familji Zammit u Bajada.

Jghid li huwa ma′ sabx informazzjoni dwar talbiet li dahlu l-Ministeru sabiex isiru dawn ix-xogholijiet.

Jghid li ghalhekk huwa ma kellux *records* dwarhom u ma′ kienx hemm approvazzjoni tieghu ghal dawn ix-xogholijiet.

Jghid li huwa ma′ jaf bl-ebda pagamenti li saru ghal jew dwar dawn ix-xogholijiet.

**Annette Zammit**, xehdet[38] li l-proprjeta' fit-Telgha tas-Sellum, Triq is-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, hija in parte ta' missier l-imputat Carmelo Bajada u in parte - fejn hemm il-bini - kienet ta' missierha li mbaghad ghaddieha lilha u lill huha.

Tghid li mit-triq principali l-access taghhom ghal din il-proprjeta' hija li huma lkoll jghaddu minn fuq xulxin. Izzid li hemm sqaq bl-ewwel bicca tieghu hija tal-imputat fejn ghandu r-raba' mentri t-tieni bicca hija taghhom u saret bil-konkos minn missierha 'l fuq minn tletin sena qabel. Izzid li hemmhekk hemm il-bini.

Tghid li dan l-isqaq qabel kien trab. Izzid li darba minnhom zewgha sab l-ewwel bicca tieghu maqluha. Izzid li zewgha kellem lill-imputat li qallu li dik il-bicca kienet ser issir konkos. Tghid li ghalhekk huma qalu lill-imputat Bajada jtihom cans jaghmlu d-drenagg

[38] Traskrizzjoni a fol 109 sa 112.

Tghid li l-imputat ma' talabhom ebda hlas ghax-xoghol tal-konkos. Izzid li anqas qalilhom minn kien ser jaghmel ix-xoghol. Tghid li huma lill-imputat qalulu biss jaghtihom cans jghaddu d-drenagg qabel isir il-konkos halli mhux imbaghad joqodu jerghu jkissru.

Tipprezenta kopji ta' ircevuti varji li juru li x-xoghol ta' drenagg sar kollu minnhom u a spejjez taghhom.[39]

Tghid li l-ircevuti ezebiti minnha jirrigwardaw xoghol ta' thammil u tqeghid ta' sistema ta' drenagg u mhux ta' xoghol ta' formazzjoni jew tal-konkos tal-isqaq.

Tghid li llum l-isqaq huwa tal-konkos izda huma ma' qabbdu lill hadd jaghmlu tal-konkos.

**In kontro ezami**,[40] tixhed li 'l gewwa mill-siqaq hemm raba' tal-imputat u raba' taghhom. Izzid li ghalhekk mill-isqaq jghaddu biss huma u l-familjari tal-imputat izda hadd aktar.

Tghid li l-proprjeta' li hemm fl-isqaq hija mitluqa u li huma biss zviluppaw proprjeta' fl-isqaq.

Taqbel li fl-isqaq hemm id-dawl li jibqa diehel sa gewwa u hemm ukoll bozza tal-Gvern.

Taqbel li mill-isqaq hemm access pubbliku u kullhadd jista jidhol liberalment. Izzid li m'hemmx grada u m'hemm xejn li jaghlaq il-passagg liberu.

Tghid li fl-isqaq hemm hajt li warajh hemm xi raba' li ma' tafx ta' minn hu. Izzid li huma u l-imputat ilkoll ghandhom raba' hemm izda ma' tafx ezatt liema hu. Tghid li anqas taf jekk ir-raba' hux frank jew jekk fuqu jithallasx xi haga. Izzid li jista jkun li r-raba' huwa fil-fatt tal-Gvern. Tghid li taf li missierha jhallas xi qbiela.

Tghid li qabel sar ix-xoghol tal-konkos fl-isqaq l-isqaq kien izomm hafna ilma. Tghid li tahseb li dan l-ilma kien jigi mill-ghelieqi li jigu fuq rih l-

[39] Ircevuti a fol 118 sa 120.
[40] Traskrizzjoni a fol 112 sa 117.

isqaq. Tghid li l-isqaq anke fl-eqqel tas-sajf kien izomm l-ilma u tahseb li dan ghaliex l-ilma kien jiskula fih mit-tisqija tar-raba' ta' fuq rihu.

**L-Avukat Dr. Marlin Vella**, xehed[41] li huwa jahdem ir-Registru tal-Artijiet, Ghawdex.

Jghid li dwar l-imputat Bajada u mghodija bil-konkos fi triq privata fi Triq tas-Sellum, ix-Xaghra, ma′ sabx li din il-proprjeta′ hija registrata la fuq il-privat u anqas fuq il-Gvern. Izid li din l-istess tinsab *outside registration area*. Jghid li ghalhekk ma′ jista′ jaghti ebda nformazzjoni.

Rigward George Formosa u hajt ta′ ghalqa fi Triq l-Isqof Molina kantuniera ma′ Triq Trux, jghid li din tinsab *outside registration area* u m′hi rregistrata fuq hadd, la l-Gvern u anqas xi individwu privat.

Rigward Sam Camilleri jghid li dwar il-barriera u residenza, it-tnejn fl-indirizz *North End*, Triq Trux, l-Gharb, il-barriera hija tal-Gvern u ghaddiet ghand l-istess Gvern mill-Knisja bl-Att Nru. 4/1992. Izid li r-residenza hija ta′ Camilleri u ghaddiet ghandu mill-Ufficju Kongunt b′kuntratt ippubblikat fis-26 ta′ April, 2007 in atti Nutar Keith German.

Jghid li dwar minn ghandu l-barriera f′idejh bi qbiela jew kera huma ma′ jkollhomx dettalji. Izid li dak l-ambitu′ tad-Dipartiment tal-Artijiet.

Dwar ir-raba′ taht il-kontroll ta′, jew li tappartjeni lill-istess Sam Camilleri fiz-zona Ta′ Wied Fonz jew Ta′ Sisien qrib barumbara jghid li hemmhekk ukoll mhux *registration area* izda l-madwar huwa registrat f′isem il-Gvern ta′ Malta. Jghid li ghalhekk il-barumbara m′hi rregistrata fuq hadd izda hi mdawwra b′art tal-Gvern.

Rigward George Victor Vella u gibjun f′ghalqa fi Triq ta′ Hatar, il-Qala, jghid li hemmhekk huwa rregistrat f′isem il-Gvern ta′ Malta bin-numru LRA 397/12.

Jezebixxi ritratt mill-ajru.[42]

[41] Traskrizzjoni a fol 127 sa 131.
[42] Ritratt a fol 132.

**Malcolm Scerri**, rapprezentant tal-Awtorita' tal-Artijiet, dwar il-barriera u residenza bl-indirizz *North End*, Triq Trux, l-Gharb, xehed[43] li fuq pjanta indika erba' porzjonijiet tal-art b'dik indikata bl-ahmar hija tal-Gvern izda mikrija lill Sam Camilleri, dik immarkata bl-ahdar hija ta' Sam Camilleri skond kuntratt tas-26 ta' April, 2007 in atti Nutar Keith German, mentri l-prozjonijiet l-ohra huma lkoll tal-Gvern.

Dwar il-proprjeta' magenb barumbara fi Triq Wied il-Mielah, jghid li fuq pjanta mmarka bl-ahmar dik li hija art tal-Gvern u hija rregistrata b'titolu tar-Registru tal-Artijiet u bil-blu art li m'hijiex tal-Gvern pero' ma' jafx ta' min hi ghax mhijiex irregistrata.

Dwar hajt ta' ghalqa fi Triq l-Isqof Molina kantuniera ma' Triq Trux, l-Gharb, jghid li t-triq li ddur mad-dawra ta' din l-art hija tal-Gvern u hija rregistrata b'titolu tar-Registru tal-Artijiet izda l-proprjeta' mmarkati bil-blu mhijiex.

Dwar il-gibjun f'ghalqa fi Sqaq Ta' Hatar, il-Qala, jghid li hemmhekk il-proprjeta' hija kollha tal-Gvern u hija rregistrata b'titolu tar-Registru tal-Artijiet. Jghid li m'ghandux dettalji dwar lill min tista tkun imwillija l-art ghax iz-zona hija nkorporata f'registrazzjoni wahda. Jghid li dwar dan ikollu jaqla' files addizzjonali.

Dwar mghodija fi triq privata fi Triq tas-Sellum, is-Xaghra, jghid li hemmhekk hemm parti mmarkata bl-ahmar li hija tal-Gvern u hija rregistrata b'titolu tar-Registru tal-Artijiet mentri hemm parti mmarkata bl-ahdar li mhijiex tal-Gvern. Jezebixxi ritratt mill-ajru u pjanta li juru dan.[44]

**Il-Perit Claude R. Mallia**, espert nominat, xehed[45] billi pprezenta rapport tieghu.

**Fir-rapport tieghu**,[46] datat it-2 ta' Lulju, 2018, jirrelata li sabiex jesplicita l-inkarigu tieghu huwa zamm access fil-proprjeta' relattiva ghal-kawza

[43] Traskrizzjoni a fol 150 sa 152.
[44] Ritratt mill-ajru a fol 153 u pjanta a fol 154.
[45] Traskrizzjoni a fol 164.
[46] Rapport a fol 165 sa 169.

migjuba kontra l-imputat odjern u kejjel xi xoghol li sar fl-istess sabiex hejja stimi necessarji.

Jiddikjara li prezenti ghall-access kien hemm l-Ispettur Rennie Stivala, l-imputat Carmelo Bajada, Joseph Cauchi, kuntrattur, u l-avukat difensur tal-imputat.

Jghid li waqt l-access huwa kejjel xoghol li allegatament sar minn Joseph Cauchi konsistenti fis-segwenti:

i. Twittija ta' konkos f'art - konkos ta' madwar 150mm hxuna - fil-lok muri bl-ahmar u mmarkat fuq pjanta nkluza fir-rapport.[47]

Jghid li dan ix-xoghol sar madwar is-sena 2013.

Fir-rapport jinkludi sensiela ta' ritratti li juru sqaq.[48]

Jirrelata li wara l-osservazzjonijiet li ghamel u l-kejl li ha huwa kellu l-informazzjoni mehtiega sabiex jistabilixxi kont ta' xoghol allegatament maghmul minn Joseph Cauchi.

Jipprovdi kont.[49]

**PS 559, Surgent Jason Spiteri**, xehed[50] li fil-11 ta' Awwissu, 2010 ircieva rapport dwar struttura perikolanti fi Triq l-Isqof Molina. Jghid li mar fuq il-post u sab li kien hemm hajt ta' ghalqa li kien perikolanti.

Jghid li ghamel stharrig u sab li l-ghalqa kienet ta' certu George Formosa. Jghid li kellem lill Formosa u obbligah jirranga l-hajt fi zmien qasir.

Jghid li ftit taz-zmien wara ghaddha minn fjen il-post u sab li l-hajt fil-fatt kien twaqqa' bil-perikolu tnehha. Jghid li ftit zmien wara dan sab li l-hajt kien inbena mil-gdid b'mod tajjeb.

Jghid li ma' jafx minn ghamel ix-xoghol relattiv.

---

[47] Pjanta a fol 167.
[48] Ritratti a fol 168.
[49] Kont a fol 169.
[50] Traskrizzjoni tal-4 ta' Lulju, 2017 – mhux paginata.

**L-Assistent Kummissarju Ian Abdilla**, xehed[51] li fil-kaz ta' George Formosa, kien hu li dderiga l-investigazzjoni wara li Joseph Cauchi indikalhom post fejn huwa kien hadem fuq struzzjonijiet ta' Anthony Debono. Jghid li dan il-post kien hajt fi Triq l-Isqof Molina, kantuniera ma' Triq Trux, l-Gharb.

Jghid li huma marru fuq il-post u identifikaw li l-istess kien jghajjat lill George Formosa bil-karta tal-identita' numru 32761(G), joqod San Lawrenz.

Jghid li huma kellmu lill Formosa li qalilhom li l-proprjeta' in kwistjoni kienet in parti wirtitha martu u in parti nxtrat minnu u minn martu flimkien.

Izid li Formosa ghamililhom cara li l-hajt jinsab fi proprjeta' privata u huwa tieghu.

Jghid li Formosa nfurmaghhom li huwa kien intalab mill-pulizija sabiex jirranga dan il-hajt li kien perikolanti u peress li ma' kienx f'qada finanzjarja sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg kien mar ghand Anthony Debono u talbu jghinu. Izid li Formosa qalilhom ukoll li gera wara Debono ghal diversi gimghat sakemm dan accetta li jghinu.

Izid li Debono ghen lill Formsoa billi offrielu haddiema sabiex iwaqqghu u jhammlu l-hajt u l-gebel sabiex jinbena l-istess bit-tqeghid tal-hajt gdid sar minn Formosa.

Izid li Formosa nfurmaghhom li kien mar Cauchi fuq il-post u dan kien skavalu l-hajt u ha wkoll it-tifrik ghar-rimi.

Jghid li Formosa nsista maghhom li Debono qatt ma' talbu hlas ghal dan izda kien jaf li kien gej minn familja kbira b'tendenza li jivvutaw lill-mart Debono.

Jezebixxi kopja tad-dikjarazzjoni ta' Formosa.[52]

[51] Traskrizzjoni tal-4 ta' Lulju, 2017 – mhux paginata.
[52] Fi process iehor.

Jghid li fir-rigwrad ta' George Victor Vella, marru wkoll fuq post indikat minn Cauchi bhala wiehed fejn sar xoghol minn Cauchi.

Jghid li dan kien gibjun kbir f'art privata fil-limiti tal-Qala.

Izid li wara li ghamlu l-accertamenti taghhom sabu li din l-art kienet ta' George Victor Vella.

Jghid li bghatu ghal Vella li qalilhom li hu jahdem il-Ministeru ghal-Ghawdex. Izid li Vella qalilhom li l-ghalqa fejn sar il-gibjun hija tieghu. Izid li Vella qalilhom ukoll li l-gibjun sar kollu minn rizorsi tal-Ministeru.

Jghid li Vella spjegalhom kif kien avvicina lill Anthony Debono u talbu l-ghajnuna peress li hu u missieru kienu bdew ihaffru ghal-gibjun izda waqfu f'nofs ix-xoghol. Jghid li Debono accetta li jghinu u bghatlu kemm il-gebel kif ukoll haddiema mill-Ministeru. Izid li Vella qalilhom li jahdem kien hemm Cauchi.

Jghid li Vella ammetta maghhom li ma' hallas ta' xejn, la' tax-xoghol maghmul minn Cauchi u anqas tal-materjal li tawh il-Ministeru.

Jezebixxi kopja tad-dikjarazzjoni ta' Vella.[53]

Jipprezenta wkoll id-dikjarazzjoni ta' Sammy Camilleri.[54]

**In kontro-ezami**,[55] mistoqsi dwar dak li qal George Vella li l-ghalqa fejn sar il-gibjun hija tieghu, u jekk fil-fatt hijiex tal-Gvern, jghid li fil-fatt l-ghalqa hija mwellija ghand Vella izda mhijiex tieghu b'titolu ta' proprjetarju. Izid izda li l-ghalqa hija maghluqa b'kancell u jaccedi ghalija biss Vella.

Jaqbel allura li l-gibjun sar fi proprjeta' li effettivament hija tal-Gvern.

Jghid li d-data meta sar ix-xoghol relattiv fuq il-gibjun hija kif xehed Cauchi mentri l-akkuzi kontra Vella nhargu fit-23 ta' Marzu, 2017.

[53] Fi process iehor.
[54] Fi process iehor.
[55] Traskrizzjoni mhux paginata.

**Sharon Calleja**, Deputat Registratur fil-Qorti ta' Ghawdex, xehdet[56] billi ezebit vera kopja file personali dwar Anthony Debono kif ezebit fil-process ta' kawza pendenti fil-konfront ta' Anthony Debono.[57]

Tghid li l-kawza kontra Debono tinsab ghaddejja quddiem il-Magistrat Neville Camilleri.

**Anthony Debono**, xehed[58] li huwa gie nvestigat fl-2015 u tressaq il-Qorti bil-kaz tieghu huwa llum deciz definittivament.

Jghid li meta gie mitkellem fl-2015 huwa kien impjegat fid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Izid li lejn l-ahhar tal-2005 u Marzu, 2013 kien impjegat fid-dipartiment tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex.

Jghid li huwa lill-imputat odjern u l-imputati l-ohra jafhom ghaliex kien ghamlilhom xi xoghol. Jghid li x-xoghol kien intalab minnhom lid-dipartiment tieghu u x-xoghol kien sar.

Dwar Carmelo Bajada jghid li dan talab xi xoghol fi Triq is-Sellum, ix-Xaghra. Izid li dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi sqaq li kien perikoluz u li kellu problemi ta' gharghar bl-ilma mir-raba' tal-Gvern kien jaqleb ghal fuqu. Jghid li d-dipartiment jista jaghmel *farm access roads* u ghalhekk irrangaw l-isqaq bil-konkos.

Jghid li t-talba ghal dan ix-xoghol saret minn Carmelo Bajada. Izid li Bajada kien mar id-dipartiment jilmenta li l-hitan tas-sejjiegh kienu qed jinqalbu.

Jghid li d-dipartiment inkariga lill Joseph Cauchi sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Izid li lill Cauchi tawh il-konkos u hu ghamel ix-xoghol ta' thammil u twittija bil-konkos.

Jghid li ghal dan ix-xoghol hallas il-Gvern.

---

[56] Traskrizzjoni a fol 226 sa 228.
[57] File personali dwar Anthony Debono a fol 230 sa 340.
[58] Traskrizzjoni a fol 406 sa 416.

Jghid li l-isqaq kien jintuza minn Bajada izda wkoll minn bdiewa ohrajn. Izid li ma' jafx ta' minn hu l-isqaq. Jghid li huma ma' jivverifikawx jekk passagg huwiex tal-privat jew tal-Gvern jekk jaghti ghar-raba' jew irzizet ghaliex huma obbligati li jaghmlu l-*farm access roads*.

Jghid li *farm access road* jaghmluha, kemm jekk tkun tal-privat u kemm jekk tkun tal-Gvern.

Dwar Sam Camilleri, jghid li dan kien talab lid-dipartiment jaghmel xi xoghol f'raba' fl-inhawi tal-Gharb. Jghid li kien talab li jsir xi passagg u xi rampi li lkoll jaqghu taht ir-responsabbilta' taghhom.

Jghid li ghalhekk ghamlu dawn ir-rampi li l-ewwel gew mwittija u mbaghad inghataw il-konkos.

Jghid li ghal dan ix-xoghol ukoll tqabbad Joseph Cauchi.

Jghid li kien hemm xoghol iehor li sar minn Camilleri stess.

Jghid li fi proprjeta' ta' Camilleri, inkluz barriera u dar fiha, id-dipartiment m'ghamel ebda xoghol. Jghid li huma ma' kellhomx x'jaqsmu mil-grada 'l gewwa.

Jghid li huwa jaf li mid-dipartiment saret ukoll konnessjoni tad-drenagg mil-grada l-barra. Jghid li t-trinka ghal dan ix-xoghol kienet thafret minn Joseph Cauchi. Izid li it-tqeghid ta' pajpijiet u l-konkos ukoll sar minn Joseph Cauchi.

Jghid li ghax-xoghol kollu mil-grada 'l barra Cauchi thallas mid-dipartiment.

Dwar barumbara u raba' madwar l-istess jghid li d-dipartiment ghamel biss rampa bhala access ghar-raba' fejn sar xoghol ta' twittija u konkos. Jghid li dan ix-xoghol ukoll sar minn haddiema tad-dipartiment.

Dwar George Formosa, jghid li dan ukoll talab xi xoghol mid-dipartiment. Izid li kellu bicca raba' l-Gharb, fi Triq Trux kantuniera ma' Triq l-Isqof Molina li kellha hajt perikoluz. Izid li kienu anke dahlu l-pulizija dwar dan fejn l-istess kellmu kemm lill Formosa kif ukoll lid-dipartiment.

Jghid li peress li dan kien xoghol urgenti huwa qabbad lill Cauchi jhammel il-hajt. Izid li d-dipartiment provda wkoll il-gebel sabiex jerga jinbena hajt gdid. Jghid li x-xoghol ta' bini ghamlu Formosa ma' haddiehor.

Jghid li f'dan il-kaz l-ghalqa kienet ta' Formosa bil-hajt kien dak ghat-triq. Jghid li huma kienu responsbabli jibnu hitan ghat-triq li jkunu perikoluzi.

Moqrija l-istqarrija li Formosa ta' lill-pulizija fejn dan qal li l-hajt jinsab kollu fi proprjeta' privata tieghu bit-triq li hija tal-Gvern tibda ezatt minn mal-hajt tieghu, jghid li ladarba l-hajt kien fit-triq u kien perikolanti ghall-pubbliku, huma kienu obbligati jirrangawh. Izid li l-Gvern u obbligat jibni z-zewg nahat ta' triq u dan kullimkien.

Dwar George Victor Vella, jghid li dwar dan ma' jafx x'talbiet saru lid-dipartiment ghaliex meta beda hu kien diga sab xoghol mibdi ghand Vella. Jghid li lilu qalulu fil-*hand over* fix jikkonsisti x-xoghol li kien qed isir u ghaliex kien qieghed isir.

Jghid li huwa ra li r-raguni kienet gustifikata u li allura x-xoghol kellu jitkompla u dan ghax ir-raba' huwa tal-Gvern.

Jghid li bhala xoghol dan kien konsistenti f'bini ta' gibjun li jilqa' l-ilma mill-isqaq kollu.

Izid li r-raba' ta' Vella jinsab f''tarf l-isqaq b'dan li meta taghmel hafna xita kien jinfaqa' bl-ilma u ssirlu l-hsara, kemm lilu u kemm lill-bdiewa ohrajn.

Jghid li bhala soluzzjoni d-dipartiment ghamel dan il-gibjun. Izid li f'dan il-kaz ra' li r-raba' kien tal-Ufficju Kongunt.

Jghid li qablu, imexxi d-dipartiment kien hemm certu Pawlu Lanzon li hareg bil-pensjoni. Jaqbel li qabel dahal hu fix-xena dwar dan ix-xoghol Vella kien diga kellem lill Lanzon.

Jghid li ma' jiftakarx fix kien wasal ix-xoghol fuq il-gibjun meta dahal hu fix-xena. Jghid li jaf li d-dipartiment kien bghat xi haddiema jibnu u jaghtu l-konkos. Jghid li huwa daqshekk biss ta' ordni li jsir ghaliex il-gibjun huwa sabu mhaffer lest.

Izid li ma' jidhirlux li huwa qabbad lill Cauchi jaghmel xi xoghol hemmhekk. Jghid li dan ghax Cauchi jhammel mhux jibni. Izid li huwa l-gibjun sabu mhaffer lest. Jghid li jaf li hamlu Cauchi izda dan sehh qabel zmienu u hu sab il-gibjun mhammel lest b'dan li lill Cauchi mhux hu qabbdu jhammel.

**In kontro-ezami**,[59] xehed li meta fil-kaz ta' Bajada qal li l-ilma kien jaqa' mill-ghelieqi ta' fuq, kien qed jirreferi ghal ghelieiqi li huma proprjeta' tal-Gvern. Izid li tali raba' huwa mzerzaq bl-ilma jinzel ghall-isqaq u jaghmel il-hsara.

Jghid li dan kien jigri spiss tant li kemm il-darba bnew il-hitan tas-sejjiegh.

**Keith Vella Muskat**, rapprezentant tad-dipartiment tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex, xehed[60] li huwa ilu mpjegat mad-dipartiment imsemmi mil-21 ta' Marzu, 2013.

Bhala responsabbilitajiet tad-dipartiment jghid li dan ghandu responsabbilita' minn bankini, hitan tas-sejjiegh, hitan ta' retenzjoni tar-raba', *farm roads*, mantuntenzjoni ta' postijiet tal-Gvern ecc.

Jghid li talba ghal-bini ta' gibja f'art privata ma' jilqghuhiex.

Dwar art tal-Gvern izda mikrija lill-privat jghid li llum l-gurnata s-sistema hi li cittadin imur il-kunsill lokali u jressaq talba, il-kunsill jaghmel applikazzjoni tramite sistema centrali lid-Direttur Generali li mbaghad jiddeciedi jekk it-talba timmeritax li tintlaqa' u, f'kaz li jiddeciedi favur, jghaddi struzzjonijiet lilhom.

Jghid li din il-proceduri ilha fis-sehha mill-2016. Jghid li qabel l-2016 ic-cittadin kien imur direttament ghandhom. Jghid li f'dak iz-zmien id-decizjoni ahharija kienet ta' Anthony Debono.

Jghid li huma ma' jaghmlux xoghol fuq art privata jew proprjeta' privata izda biss fuq art jew proprjeta' tal-Gvern.

---

[59] Traskrizzjoni a fol 415 u 416.
[60] Traskrizzjoni a fol 430 sa 438.

Mistoqsi jekk id-dipartiment jistax jaghti ghajnuna fuq hajt li jdawwar ghalqa privata izda jaghti fuq triq pubblika jghid li xoghal hekk jaghmluh u ghadhom jaghmluh. Izid li hajt hekk jaghmluh mil-gdid, sal-bini mil-gdid. Ifisser li jaghmlu kollox mil-bidu sal-bini tal-hajt mil-gdid.

Jghid li kommunikazzjoni ta' drenagg minn grada 'il gewwa lejn proprjeta' privata d-dipartiment certament li ma' jaghmilix.

Dwar rampi jghid li jekk jaghmlu bankina ser jaghmlu wkoll ir-rampa ghal-garaxx, anke privat. Jiccara li r-rampa li jaghmlu tkun mill-garaxx lejn it-triq mhux ghal gol-garaxx.

Jghid li rampi bejn raba' tal-Gvern jaghmluhom. Izid li dan anke meta l-istess raba' tkun tinhadem mil-privat.

Jghid li raba' tal-Gvern mikrija lill-privat tinhadem mill-inkwilin izda jekk lilu tasallu rikjesta approvata ghal-rampa jaghmilha. Jiccara li ghandu r-rikjesta tasal approvata kif spjega qabel, bl-evalwazzjoni ma' jaghmilix hu. Izid li rampi ghamlu varji.

**In kontro-ezami**,[61] mistoqsi jekk jezistix dokument minn fjen jirrizultaw il-parametri ta' x'jista jigi approvat sabiex isir mid-dipartiment jghid li iva u jobbliga ruhu li jezebixxi kopja tal-istess.

Jghid li bhala rampa huma jekk hemm ghalqa li m'ghandiex access tajjeb jifthu hajt tat-triq u jibnu rampa ghal go l-ghalqa, mill-hajt 'il gewwa. Jghid li hu ma jarax jekk l-ghalqa hijiex tal-privat jew tal-Gvern izda jkollu ordni approvata u jmexxi.

Jghid l-istess dwar hajt li jaqa' fi triq. Jghid li huwa jircievi approvazzjoni sabiex isir ix-xoghol u jmur u jibnu kif ikun approvat. Jghid li f'dan is-sens huma jibnu biss hajt bejn ghalqa u triq mhux ukoll hajt bejn ghalqa u ohra.

Jezebixxi dokumentazzjoni dwar xogholijiet li saru mill-Ministeru ghal-Ghawdex fl-2020.[62]

---

[61] Traskrizzjoni a fol 438 sa 440.
[62] Dokumenti a fol 445 sa 493 - inkluz in verso pagina.

**John Borg**, Segretarju Permanenti għall-Ministeru għal-Għawdex, xehed[63] li huwa ilu Segretarju Permanenti sa mill-2014.

Jgħid li d-dokument, ossia *Annual Reports of Government Departments – 2011* – eżebit mill-avukat difensur tal-imputat fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022,[64] huwa bħal dak li jinsab *online*.

Iżid li dan id-dokument huwa eżempju ta' rapport li jsir mill-Ministeru kull sena u juri x-xogħolijiet li jkunu saru minn kull direttorat tal-Ministeru matul is-sena.

Riferut għal-parti tad-dokuemnt li tirreferi għas-CMU – ossia d-dipartiment tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex, jgħid li dak id-dipartiment jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq ħitan tas-sejjieħ, bankini, u dak li jkun hemm bżonn ġewwa Għawdex.

Jgħid li r-rapport tal-2011 ma' kitbux hu għaliex sar qabel żmienu. Jikkonferma iżda li dak li hemm imniżżel fih bħala xogħolijiet li saru għadu jsir sallum.

Jgħid li x-xogħolijiet minn dan id-dipartiment – is-CMU – isiru jew f'toroq pubblici jew jista' jkun hemm xi ħajt li jkun bejn għalqa tal-privat u triq u, jekk dan ikun perikoluż, dak jiġi rranġat.

Iżid li *farm roads* mnejn jgħaddu l-bdiewa wkoll isiru. Jgħid li fejn triq tkun magħluqa bħala triq privata huma ma' jidħlux.

**In kontro-eżami**,[65] xehed li bħala *farm roads* anke konkos ġieli għaġtu. Jgħid li dan dejjem isir fuq toroq miftuħin għall-pubbliku.

Dwar ħitan tas-sejjieħ jgħid li bħalissa għaddej proġett tal-Unjoni Ewropeja fejn qed jirranġaw diversi ħitan.

Jgħid li access privat ma' jsirx minnhom.

[63] Traskrizzjoni a fol 695 sa 698.
[64] Dokument a fol 511 sa 527.
[65] Traskrizzjoni a fol 698 u 699.

B. **Ikkunsidrat:**

**Preliminari:**

B'dawn il-proceduri l-imputat gie akkuzat taht l-Artikoli 17, 18, 42(b), 308, 309, 310(1)(b), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta. Dan skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Mejju, 2022 li gew moqrija fl-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2022 fejn, fl-istess udjenza, l-imputat iddikjara n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Mill-assjem tal-provi rrizulta li bis-sahha ta' dawn l-artikoli tal-Kap. 9, l-imputat gie fil-fatt akkuzat li b'qerq, jew b'xi mod iehor li jikser dawk mill-artikoli succitati relattivi, ottjena favur tieghu beneficcju f'forma ta' xoghol fi sqaq li jghati ghal got-telgha tas-Sellum, fi Triq is-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex.

L-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputat hija, allura, li huwa, bi ksur tal-artikoli rilevanti tal-Kodici Kriminali succitati, *inter alia* talab u ottjena xoghol ta' twittiegh, inkluz bil-konkos, tal-isqaq imsemmi minghand id-dipartiment tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni fi hdan il-Ministeru ghal-Ghawdex, ossia: is-CMU – *Construction and Maintenance Unit* – a skapitu u spejjez tal-pubbliku ossia, il-Gvern ta' Malta, billi l-ispejjez dwar l-istess xoghol gew assorbiti f'dawk relattivi ghal-progetti pubblici meta fil-fatt saru ghal-privat ossia: a beneficcju uniku tal-imputat.

Dwar dan, ghall-prosekuzzjoni xehed primarjament il-*whistle blower* Joseph Cauchi li ddikjara li fir-rigward tal-imputat odjern, huwa, *qua* kuntrattur ingaggjat mis-CMU, ghamel xoghol ta' konkos fi sqaq inti u tiela Triq is-Sellum, ix-Xaghra.

L-istess Cauchi jzid li 'l gewwa fl-istess sqaq hemm *farmhouse* u li qabel ghamel ix-xoghol hu l-isqaq kien fi stat pjetuz.

Jghid imbaghad li ghax-xoghol li ghamel fl-isqaq in mertu huwa gie nkarigat biss minn Anthony Debono.

Izid li ma' jafx ta' minn hu l-isqaq izda meta kien ikun jahdem hemm kien jara biss lill-imputat.

L-istess Cauchi finalment jghid li huwa qatt ma' talab xi hlas ghax- xoghol maghmul minnu f'dan l-isqaq minghand l-imputat Bajada stante li huwa qatt ma' rcieva struzzjonijiet dwar dan ix-xoghol minghand l-istess imputat izda rcieva struzzjonijiet biss minghand Anthony Debono.

Xehed ukoll l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Rennie Stivala, li mexxa l-investigazzjoni fuq allegat xoghol li sar fl-isqaq in mertu a spejjez tal-Gvern ta' Malta.

L-Ispettur xehed li Joseph Cauchi spjegalu kif fit-telgha tas-Sellum, ix-Xaghra hemm sqaq privat li fih l-istess Cauchi kien intalab minn Anthony Debono sabiex jaghmel xoghol ta' twittiegh bil-konkos.

Izid li Cauchi stess kien spjegalu li fl-isqaq hemm diversi familji.

L-Ispettur xehed ukoll li huwa tkellem mall-imputat Bajada li qallu li l-art fejn twitta l-isqaq hija llum diviza bejn diversi familjari tieghu izda qabel kienet ghand l-ahwa.

Izid li l-imputat qallu wkoll li huwa kien imur fejn Anthony Debono jitolbu jiehu hsieb jirranga hajt ta' retenzjoni ta' raba' tal-Gvern stante li dan kien jinqaleb lejn l-isqaq kull meta tghamel ix-xita. Izid li l-imputat kompla jistqarr li wara dan, is-CMU qabdet u ghamlet l-isqaq bil-konkos tramite s-servizz ta' Joseph Cauchi.

L-Ispettur xehed ukoll li apparti li kellem lill-imputat, dwar l-allegazzjonijiet rigwardanti xoghol li sar fl-isqaq kellem ukoll lill certa Annette Zammit.

L-imputat inniffsu ta' il-verzjoni tieghu ta' x'gara fl-isqaq sabiex wasalna ghal din il-vertenza. Dan tramite l-istqarrija minnu rilaxxata lill-pulizija meta gie nterrogat fejn iddikjara li huwa ghandu xi raba' f'Tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex fejn ghandhom ukoll il-familja Mifsud.

Stqarr ukoll li mit-triq principali huwa jasal ghar-raba' tieghu tramite sqaq fejn madwar sentejn qabel saru xi xogholijiet billi l-isqaq gie mwitti bil-konkos wara li familjari tieghu ghaddew sistema tad-drenagg tahtu.

Jghid li x-xoghol ghamlu Joseph Cauchi izda dan ma' kienx imqabbad minnu.

Izid li huwa kien mar kellem lis-CMU b'dan li jahseb li lill Cauchi kien qabbdu Anthony Debono.

Izid li lis-CMU huwa kien jitlobhom isewwu hajt ta' retenzjoni ta' raba' li jinsab fuq ir-rih tal-isqaq u li minnu kien jiskula hafna ilma ghal go l-isqaq b'dan li kienu anke jaqghu partijiet minnu - gebel - fl-isqaq. Jghid li minflok tranga dan il-hajt sar l-isqaq bil-konkos.

Jistqarr ukoll li fejn sar dan ix-xoghol huwa sqaq privat li minnu ghandhom access familtu u qrabatu  li ghandhom ukoll xi rzizet aktar 'il gewwa.

Jghid li huwa lill Cauchi ma' hallsux tax-xoghol li sar fl-isqaq filwaqt li Cauchi qatt ma' talbu hlas.

Xhed ukoll Joseph Portelli, direttur fi hdan id-dipartiment ta progetti u zvilupp, li qal li jaf li sar xi xoghol fejn inghata konkos fi sqaq fi Triq is-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, proprjeta' tal-familji Zammit u Bajada, izda m’ghandu ebda dettalji dwar minn talab li jsir dan ix-xoghol.

Xehdu wkoll l-Avukat Dr. Marlin Vella in rapprezentanza tar-Registru tal-Artijiet u Malcolm Scerri, in rapprezentanza tal-Awtorita’ tal-Artijiet.

Dr. Marlin Vella xehed li fir-rigward tal-isqaq li jaghti ghat-telgha tas-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex, m'ghandu ebda nformazzjoni dwar minn hu l-proprjetarju tal-istess sqaq stante li l-istess m'hu rregistrat fuq hadd, la l-privat u anqas il-Gvern ta' Malta.

Da parti tieghu, Malcolm Scerri pprezenta ritratt mill-ajru u anke pjanta li fuqha, bl-ahmar mmarka l-proprjeta' li hija rregistrata fuq il-Gvern ta' Malta mentri bl-ahdar immarka proprjeta' li m'hijiex tal-Gvern ta' Malta.

Xehed ukoll il-Perit Claude R. Mallia bhala espert nominat. L-espert irrediga rapport f'liema ha konjizzjoni tax-xogholijiet li Joseph Cauchi qal li saru minnu u ta' stima tal-istess. Mar-rapport, annetta pjanta li fuqha indika fejn jinsab l-isqaq in mertu

Xehed ukoll Anthony Debono, li kien imputat f'kawza separata tieghu, kopja tas-sentenza dwar liema inkluz l-appell minnha gew ezebiti f'dawn l-atti.

Dan ix-xhud iddikjara li l-imputat kien talab li jissewwa hajt fi sqaq fi Triq is-Sellum, ix-Xaghra, Ghawdex li kien jinqaleb ghal gol-istess sqaq.

Izid li peress li l-isqaq kien *farm access road*, ix-xoghol mitlub mill-imputat kien jaqa' taht il-kappa ta' mansjonijiet li ghalihom hija responsabbli s-CMU. Jghid ukoll li peress li l-isqaq kien jeghreq bl-ilma gej minn raba' appartenenti lill-Gvern ta' Malta, is-CMU rrangat l-istess sqaq bil-konkos, inkluz bis-servizz provdut minn Joseph Cauchi li wkoll kien a spejjez tad-dipartiment.

Debono xehed ukoll li l-isqaq in mertu jintuza kemm mill-imputat kif ukoll minn bdiewa ohra.

Xhedet ukoll Annette Zammit li ddikjarat li hi u zewgha kienu qed jizviluppaw xi art accessibbli mill-isqaq in mertu. Izzid li malli saru jafu li l-isqaq kien ser jitwitta bil-konkos huma talbu lill-imputat jippermettilhom jghaddu sistema tad-drenagg qabel jitwitta l-isqaq. Izzid li l-imputat qabel u huma ghamlu x-xoghol ta' drenagg a spejjez taghhom.

Din ix-xhud qalet ukoll li ma' kienux hi jew zewgha li talbu li jitwitta l-isqaq b'dan li ma' tafx minn wittiegh izda huma qatt ma' ntalbu jikkontribwixxu xi hlas favur ix-xoghol li sar.

Zammit ziedet tghid ukoll li ghalkemm l-isqaq jintuza biss minn familta' u l-familja tal-imputat, dan huwa miftuh ghall-pubbliku in generali u huwa munit b'dawl tal-Gvern, inkluz fanal.

Finalment, xehedu wkoll Keith Vella Muskat li ilu mpjegat mas-CMU mill-2013 u John Borg, is-Segretarju Permanenti ghall-Minsiteru ghal-Ghawdex.

Dawn ix-xhieda kkonferma li kwalunkwe' xoghol li ntalab mill-imputat minghand is-CMU huwa xoghol li anke llum jaqa' taht il-kappa ta' mansjonijiet li ghalihom hija responsabbli s-CMU, anke jekk is-sistema prevalenti ta' kif wiehed jitlob li jsir l-istess u kif jigi awtorizzat ix-xoghol issa nbidlet billi fejn qabel cittadin kien imur direttament is-CMU issa jghaddi tramite l-Kunsill Lokali.

Maghdud dan kollu, din il-Qorti hija facilitata f'li tgharbel x-xoghol li tassew sar mix-xhud - u *whistle blower* – Joseph Cauchi fuq struzzjonijiet tas-CMU fl-isqaq in mertu u jekk l-istess sqaq huwiex fil fatt tal-privat jew tal-Gvern ta' Malta - fattur, dan tal-ahhor, li tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet addizzjonali li ser isiru ftit jibqalu mportanza fil-kaz *de quo*.

Il-Qorti f'dan l-istadju ttenni li huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan għaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890):

> *Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit.*

Huwa prinċipju ormai assodat illi biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et**[66] fejn inghad illi mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata, hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Dan il-principju gie anke enfasizzat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**[67] fejn il-Qorti sahqet li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Dan ifisser illi dak li l-Ġudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha,

[66] Deciza mill-Qorti ta l-Apprll Kriminali fis-7 ta Settembru, 1994
[67] Appell Kriminali deciz fil-5 ta Dicmebru, 1997

u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dan huwa in linea ma dak li qal Lord Denning fil-każ **Miller vs. Minister of Pension - 1974**[68] - meta b'referenza ghal frazi "*proof beyond a reasonable doubt*" huwa afferma illi:

> *Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*

Fil-kaz *de* quo, il-Qorti tibda billi tosserva li m'huwiex ikkontestat li bhala stat ta' fatt ix-xoghol li Joseph Cauchi jghid li ghamel b'referenza ghal-kawza odjerna jidher li fil-fatt ghamlu. B'dan li l-Qorti tosserva izda li din mhijiex kawza sabiex Cauchi jottjeni xi dikjarazzjoni dwar dan u ordni favur tieghu ghal-hlas. Hija izda kawza kontra l-imputat li qieghed jigi akkuzat, primarjament, li b'xi mod ottjena beneficcju f'xoghol bi frodi a skapitu tal-Gvern ta' Malta.

Din il-Qorti trid allura tezamina jekk tassew l-imputat ottjeniex tali beneficcju a skapitu tal-Gvern u, sabiex taghmel dan, trid tara jekk xi xoghol milli tassew sar mis-CMU fuq talba tal-imputat sarx a beneficcju esklussiv tal-imputat, ghalkemm hallas - jew jista jkun espost li jhallas - ghalih il-Gvern ta' Malta f'isem il-pubbliku Malti in generali.

Wara dan, il-Qorti trid tara wkoll jekk jirrizultawx l-element kostituttivi sabiex tirnexxi akkuza ta' frodi.

Dwar dan, din il-Qorti tosserva li b'kumparazzjoni ta' ritratti mehudha mill-ajru u pjanti ezebiti in atti,[69] jirrizulta car li x-xoghol kollu li sar mis-CMU fl-isqaq in mertu sar bejn proprjeta' - ossia raba' - tal-Gvern ta' Malta u proprjeta' tal-privat - huwa minn tassew huwa l-istess privat.

---

[68] 2 All ER 372

[69] Ref. Ritratt mill-ajru a fol 132 - ezebit mix-xhud Dr. Marlin Vella, iehor a fol 153 u pjanta a fol 154 - ezebiti mix-xhud Malcolm Scerri - u pjanta a fol 167 - ezebita mill-perit nominat Claude R. Mallia.

Dan l-istess xoghol sar wara talba tal-imputat sabiex jittranga hajt ta' divizjoni bejn proprjeta' - ossia raba' - tal-Gvern ta' Malta u l-isqaq in mertu.

Minflok izda - jew oltre milli - tranga tali hajt, sar xoghol fuq l-isqaq li, ghalkemm mill-atti ma' jirrizultax accertat lill minn jappartjeni, dan l-istess sqaq huwa sitwat bejn il-hajt ta' retenzjoni tar-raba' tal-Gvern li jaghti ghal fuq ir-rih tieghu u proprjeta' privata ta' terzi - huma minn huma l-istess terzi - ref xhieda tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija u dik ta' Anthony Debono fejn jikkorraboraw lill xulxin dwar li l-imputat talab xoghol fuq il-hajt ta' retenzjoni b'dan li mbaghad sar xoghol fuq l-isqaq.

B'dan allura li huwa ta' minn tassew huwa l-isqaq in mertu; ma' tirrizulta ebda prova, partikolarment fil-grad mehtieg mill-ligi nostrana, li l-imputat talab xoghol fuq l-isqaq. Tirrizulta biss prova li l-istess talab li jsir xoghol fuq hajt ta' retenzjoni ta' raba' tal-Gvern.

Maghdud dan, u tenut kont li kif xehedu konsistentement ix-xhieda rapprezentanti s-CMU li xoghol fuq hajt bejn proprjeta' privata u ohra tal-Gvern isir b'mod regolari mis-CMU;

Tenut kont ukoll tal-fatt li anke mill-ligijiet nostrani, u specifikatament mill-Ligi Sussidjarja 499.57 - *Regolamenti dwar Toroq Godda u Xogholijiet f' Toroq* - huwa mplicitu li gjaladabra triq tinfetah ghall-pubbliku din tibqa' accessibbli ghall-pubbliku, anke jekk l-istess tkun giet iffurmata fuq art privata;

Tenut kont ukoll li f'dan il-kaz partikolari, anke jekk kellu jkun pruvat li l-isqaq kien fil-fatt privat tal-imputat, sew wahdu jew flimkien ma' terzi, l-istess kien suggett ghal-hsara kontinwa rizultat ta' skular ta' ilma mir-raba' tal-Gvern li tinsab fuq ir-rih tieghu u anke ta' gebel li kien jaqa' mill-hajt ta' retenzjoni tal-istess raba' tal-Gvern ghal go l-isqaq in mertu;

Tenut kont ukoll ta' dak li xehdet Annette Zammit li l-istess sqaq huwa miftuh ghall-pubbliku u li go fih hemm ukoll fanal tal-Gvern, li allura jindika li tali sqaq huwa rikonoxxut mill-Gvern bhala miftuh ghall-pubbliku:

Jwassal allura sabiex ma' tirrizultax l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li b'xi mod jew manjiera sar xi xoghol a spejjez u a skapitu tal-Gvern ta' Malta a beneficcju esklussiv tal-imputat inkluz b'rizultat ta' xi qerq jew manuvri attribwibbli lill-imputat li jistghu jammontaw ghal-frodi.

Li jirrizulta huwa, fil-fatt, li l-Gvern ta' Malta ghamel xoghol sabiex indirzza hsara li kienet qieghda tigi kkagunata, u perikolu persistenti li kien hemm kagun ta' l-istat ta' hajt ta' retenzjoni ta' raba' tieghu li jinsab fuq ir-rih tal-isqaq in mertu. Dan, inkluz ai termini kemm tal-mansjonijiet li jaqghu taht ir-responsabbilita' tas-CMU kif ukoll ghall-obbligazzjonijiet ta' harsien mill-perikolu li kull sid ta' proprjeta' ghandu ai termini tal-ligijiet nostrani.

Dan specjalment meta l-istess xoghol li jirrizulta li sar mis-CMU sar in linja ma' dak li gie muri li jaqa' taht il-kappa ta' mansjonijiet li ghalihom hija responsabbli is-CMU.[70]

B'referenza ghall-artikoli partikolari tal-Kap. 9 li gew mibghutha mill-Avukat Generali, din il-Qorti tiddikjara li:

Dwar l-Artikolu 17: dan japplika fejn imputat jinsab hati ta' konkors ta' reati – delitti jew kontravvenzjonijiet – b'konkors ta' pieni fejn allura l-ligi taghna tipprovdi dwar kif ghandha tkun inforzata l-piena.

Dwar l-Artikolu 18: dan jirreferi ghal dak li jikkwalifika' bhala reat kontinwat.

Dwar l-Artikolu 42(b): dan jirreferi ghal-komplicita' f'delitt.

Dwar l-Artikolu 308: dan jirreferi ghal manuvri nkluz uzu ta' ismijiet jew kwalifici foloz, sabiex imputat iqanqal tama' jew biza b'rizultat li jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor.

Dwar l-Artikolu 309: dan jirreferi ghal qligh maghmul b'qerq mhux imsemmi f-artikoli ohra.

---

[70] Ref. ix-xhieda varja li nghatat fuq dan il-punt minn Keith Vella Muskat u John Borg kif ukoll ir-rapport annwali tal-Ministeru ghal-Ghawdex ghas-sena 2011 ezebit a fol 511 sa 527.

Dwar l-Artikolu 310(1)(b): dan jirreferi ghal kif ghandha tkun stabbilita l-piena applikabbli tenut kont tal-valur tal-hsara maghmulha mill-imputat ossia, meta l-istess hsara teccedi l-€500 izda mhux l-€5,000.

Dwar l-Artikolu 533(1): dan jirreferi ghal meta l-kawza kontra l-imputat issir mill-Avukat Generali jew mill-pulizija *ex officio* u x'ordni ghandha taghti l-Qorti mas-sentenza finali dwar l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Fid-dawl ta' dawn l-artikolu partikolari tal-Kap. 9, din il-Qorti tibda sabiex tindirizza l-akkuza principali migjuba kontra l-imputat, ossia li bl-uzu ta' xi qerq, manuvri jew pressjoni huwa akkwista beneficcju esklussiv ghalih a skapitu tal-Gvern ta' Malta, u dunque; a skapitu tal-assjem tac-cittadini Maltin li hallsu minn buthom ghal xi beneficcju ottjenut esklussivament mill-imputat.

Hawnhekk il-Qorti ser tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet legali rigward l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jibda biex jinghad illi biex jkun hemm ir-reat tal-frodi jew truffa jridu jinkonkorru diversi elementi.

Fl-ewwel lok irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u ċioé bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Imbagħad irid jigi ppruvat l-element materjali ta' dana r-reat u ċioé l'użu ta' ingann jew raġġieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jezistix.

Inghad[71] infatti illi *l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet legali rigward l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u ċioé bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad*

[71] Il-Pulizija vs Charles Zarb, Appell Kriminali deciz fit-22 ta Frar, 1993

*l-element materjali ta' dana r-reat u ċioé l'użu ta' ingann jew raġġieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.*

*Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405) 63 avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi […].*

*Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.*

*Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.*

*Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġieri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a) b'mezzi kontra l-liġi, jew*
*b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
*ċ) ta' kwalifiki foloz jew*
*d) billi jinqeda b'qerq ieħor u*
*e) ingann jew*
*f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz,*
*ġ) jew ta' ħila;*
*ħ) setgha fuq ħaddiehor jew*
*i) ta' krediti immaġinarji jew*
*j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor.*

*[...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. […]*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 308 illi l-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Fid-dawl ta dak kollu li diga inghad u wara li l-Qorti qieset il-fatti esposti quddiemha, maghdud ma dak li ngħad dwar l-operat tal-imputat u dak li tirrikjedi l-ġurisprudenza fir-rigward tal-imputazzjonijiet in eżami, il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi mehtiega ghal sejbien ta htija fil-kaz odjern ma gewx ippruvati u ghalhekk ser tghaddi biex tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha addebitati lilu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-kunsiderazzjonijiet gia maghmula u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 42(b), 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li ebda wahda mill-imputazzjonijiet maghmula kontra l-imputat ma giet sodisfacjentement pruvata u b'hekk filwaqt li ma ssibx lill-imputat Carmelo Bajada hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu tilliberah.

Finalment, il-Qorti tichad ukoll it-talba rigward l-ispejjez relatati mal-hatra ta' esperti – kif saret mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta – u dana stante li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**